

# Programm t'Attivitajiet

## organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-Festa ad unur

# Marija Bambina

## Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa 2023

### It-Tlieta, 22 t'Awwissu 2023

**6.00p.m.** Tombla speċjali organizzata mill-Kummissjoni Banda u Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial.

### Il-Ġimgħa, 25 t'Awwissu 2023

**8.00p.m.** Barbecue f'Misraħ il-Parroċċa. Ikun hemm kant u divertiment ieħor, kif ukoll diversi mistednin speċjali fosthom Joe u Alice Grech.

### It-Tnejn, 28 t'Awwissu 2023

**7.30p.m.** Kunċert ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### It-Tlieta, 29 t'Awwissu 2023

**8.00p.m.** Riċeviment fil-każin għall-membri tal-kumitati, bandisti, u membri tal-kor, flimkien mal-familjari tagħhom.

### L-Erbgħa, 30 t'Awwissu 2023

**8.00p.m.** Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin li jkunu fostna biex flimkien magħna jiċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina.

### Il-Ħamis, 31 t'Awwissu 2023

**6.30p.m.** L-Għaqda Mużikali Imperial tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' 'Jum l-Għaqdiet Ċiviċi'.

**7.30p.m.** Kunċert ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### Is-Sibt, 2 ta' Settembru 2023

**8.00p.m.** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg f'Misraħ il-Parroċċa. Wara jsir riċeviment fis-sala tal-każin.

### It-Tnejn, 4 ta' Settembru 2023

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq l-Għerien, jgħaddi minn Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borġ Olivier, Triq San Luqa u Triq il-Parroċċa, u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

### It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2023

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, Malta, li jibda minn Triq Qasam Barrani, jgħaddi minn Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq it-Tħin, Triq il-Mitħna l-Ġdida u Triq il-Parroċċa, u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.



## L-Erbgħa, 6 ta' Settembru 2023

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Mitħna l-Qadima, jgħaddi minn Triq San Ġużepp, Triq Franġisk Żahra, Triq il-Kbira, Triq Sant'Anna u Triq il-Parroċċa, u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**11.00p.m.** Tlugħ tal-istatwa ta' Malta fuq il-pedestall waqt li l-Banda Imperial iddoqq l-Innu Nazzjonali Malti. Wara jitkompla l-marċ sa quddiem il-knisja.

## Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2023

**7.15p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq tas-Salib, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**9.30p.m.** Il-Banda u l-Kor Imperial jesegwixxu l-Innu lil Marija Bambina. Il-Programm jingħalaq bid-daqq tal-innu-marċ popolari 'Tal-Iljun' flimkien mal-Innu Banda Imperial.

## Il-Ġimgħa, 8 ta' Settembru 2023

**6.00p.m.** Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq il-Parroċċa sa Misraħ il-Parroċċa. Tindaqq l-Ave Maria mal-ħruġ tal-istatwa tal-Bambina mill-bieb tal-knisja. Wara jittella' programm mużikali mill-istess banda quddiem il-każin li jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu lil Marija Bambina mal-wasla tal-istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin Imperial.

## Is-Sibt, 9 ta' Settembru 2023

**9.00a.m.** Għax-xalata tal-għada tal-festa, se tkun organizzata mawra bid-dgħajsa mill-Għadira sal-port tal-Imġarr, Għawdex. Minn hemm inżuru r-Rabat u Marsalforn fejn ikun hemm ħin għall-ikel. Lura l-port tal-Imġarr, naqbdu d-dgħajsa lejn Kemmuna fejn ikun hemm ħin għall-għawm qabel nerġgħu naqbdu t-triq lura lejn l-Għadira. Ikun hemm briju organizzat mis-sezzjoni żgħażagħ.





General Contractors • Civil Engineering Work
• Building Components Manufacturers
• Sand – Spalls – Torba – Soil
• Ready Mix Concrete

**CARMEL VELLA LIMITED**

CENTRAL ASPHALT LIMITED

Labour Ave., Naxxar NXR 9027, Malta • Tel: 2141 2061, 2141 2469 • Fax: 2143 7067 • E-mail: info@centralasphaltltd.com